A.L. 274 ta' l-2007

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni ta' l-2007 dwar it-Trasposizzjoni ta'ċerti disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 4 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titlu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2007 dwar it-Trasposizzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet ta''l-*acquis* ta' Schengen.

(2) L-iskop ta' dan l-ordni hu biex jiġu trasposti x'uhud mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju, 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju, 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika ta' *Benelux*, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża fuq l-abolizzjoni gradwali ta' spezzjonijiet fuq il-fruntieri komuni tagħhom *u kull att sussegwenti*.

Jemenda l-artikolu 350 tal-Kodii Kriminali. Kap. 9.

2. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 350 tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tat-tifsira "*records* personali, minflok il-kliem "għas-superviżjoni tiegħu." għandhom jidħlu l-kliem "għas-superviżjoni tiegħu;" u

(b) minnufih wara dik it-tifsira għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bil-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju, 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta'Ġunju, 1985.".

Jemenda l-artikolu 351 tal-Kodiċi Kriminali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 351 tal-Kodiċi Kriminali, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:-

"(3) Konformement ma', u għall-finijiet ta', il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985, reat taħt dan l-artiklu għandu jitqies bħala reat ukoll meta dan isir x'imkien ieħor mhux f'Malta.".

Jemenda l-artikolu 355 tal-Kodiċi Kriminali.

4. L-artiklu 355 tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "ir-regolament tat-traffiku: għandhom jidħlu l-kliem "ir-regolament tat-traffiku; jew"; u

(b) minnufih wara paragrafu (e) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:-

"(f) l-arrest ta' persuna jew biex jiġi aertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; jew

(g) is-sejbien ta' xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen:".

Jemenda l-artikolu 355E tal-Kodiċi Kriminali.

5. L-artikolu 355E tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jew detenzjoni leġittimi. għandhom jidħlu l-kliem "jew detenzjoni leġittimi; jew";

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:-

"(f) id-dħul ikun meħtieġ għall-finijiet li:

(i) jiġi eżegwit l-arrest ta' xi persuna jew biex jiġi aertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jkun hemm periklu imminenti li dik il-persuna tista' taħrab; jew

(ii) jsir is-sejbien ta' xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jkun hemm periklu imminenti li dik il-proprjetà tista' tinħeba, tintilef, titgħarraq, tinbidel jew tinqered."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:-

"(3) Jista' wkoll jinħareġ mandat minn Maġistrat kif imsemmi fis-subartikolu (1) sabiex:

(i) isir l-arrest jew biex jiġi aertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun inġhata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; jew

(ii) jinkixef u tiġi elevata xi proprjetà li dwarha jkun inġhata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.".

Jemenda l-artikolu 355P tal-Kodiċi Kriminali.

6. Fl-artikolu 355P tal-Kodiċi Kriminali, minflok il-kliem "dwar xi reat u l-qbid tiegħu jkun meħtieġ biex jiġi evitat li jinħeba, jintilef, jitgħarraq, jinbidel jew jinqered. għandhom jidħlu l-kliem "dwar xi reat jew ikun soġġett għal allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u l-qbid tiegħu jkun meħtieġ biex jiġi evitat li jinħeba, jintilef, jitgħarraq, jinbidel jew jinqered.".

Jemenda l-artikolu 355X tal-Kodiċi Kriminali.

7. L-artikolu 355X tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Kull uffiċjal tal-pulizija jista' wkoll jarresta lil xi persuna li dwarha jkun inġhata allert għall-arrest tagħha taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen."; u

(b) is-subartikoli (2) sa (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) sa (5) rispettivament.

Iżid l-artikolu 355X ġdid mal-Kodiċi Kriminali.

8. Minnufih wara l-artikolu 355X tal-Kodiċi Kriminali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Detenzjoni minħajr mandat taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

355XX. Uffiċjal tal-pulizija jista' jżomm minħajr ma jkollu mandat lil xi persuna li tiġi indikata f'allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen bħala persuna nieqsa jew bħala persuna li, għall-protezzjoni tagħha jew sabiex jiġi prevenut xi theddid, tkun tenħtieġ li titqiegħed temporanjament taħt il-ħarsien tal-pulizija.".

Jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Kap. 217.

9. L-Att dwar l-Immigrazzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel t-tifsira bastiment" fl-artikolu 2 ta' l-Att, għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*acquis* ta' Schengen" tfisser il-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika ta' *Benelux*, ir-

Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franiża fuq l-abolizzjoni gradwali ta' spezzjonijiet fuq il-fruntieri komuni tagħhom ta' l-14 ta' Ġunju, 1985 u l-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju, 1990 li timplementa l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju, 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika ta' *Benelux*, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franiża fuq l-abolizzjoni gradwali ta' spezzjonijiet fuq il-fruntieri komuni tagħhom, u tinkludi kull att ieħor sussegwenti jew li huma xort'oħra relattivi, kif ukoll kull ftehim ieħor li għandu x'jaqsam ma' dan;"; u

(b) minnufih wara s-subparagrafu (b) tal-paragrafu (2) ta' l-artikolu 36 ta' l-Att, għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(ċ) l-abolizzjoni ta' spezzjonijiet fuq il-fruntieri u affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan, konformement ma' l-*acquis* ta' Schengen ta' l-Unjoni Ewropea.".